# QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMĦALLEF

## ROBERT G. MANGION

## ILLUM 26 TA' OTTUBRU 2021

**Rikors Revoka nru. 233/2021 RGM**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju nru 151/2021**

**Fl-ismijiet:-**

**Glenn Tavilla**

**Vs**

**Stefania Tavilla**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment finali dwar rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2021 mis-sekwestrata Stafania Tavilla li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed titlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-intimat, is-sekwestrant Glenn Tavilla, debitament notifikat la ppreżenta risposta u lanqas deher għas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2021.

Rat l-atti.

Rat li fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2021 ir-rikors tħalla għall-provvediment kamerali.

Ikkonsidrat;

Fl-20 ta' Awissu 2021 Glenn Tavilla talab u ottjena l-ħrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra Stefania Tavilla għas-somma ta' €470,000 fejn bħala kawżali iddikjara hekk: "ammont rapprezentanti sehem ir-rikorrenti tal-investimenti mizmuma konguntivament bejn il-partijiet kif ukoll ammonti oħra li għandhom jigu assenjati u mħallsa u/jew rifuzi lir-rikorrent u li jirraprezentaw proprjeta'/krediti parafernali tal-istess rikorrent."

In segwitu għas-sekwestru, saru żewġ depożiti minn żewġ banek sekwestratarji: ċedola nru 101/21 minn Lombard Bank Malta plc tas-somma ta' €21,117.32 u ċedola nru 95/21 minn Bank of Valletta plc għas-somma ta' €399,475.72; b'kollox €420,593.04.

Is-sekwestrata ppreżentat ukoll rapport tal-Perit Albert Cauchi magħmul fil-21 ta' Ottubru 2021 fejn jiċċertifika illi d-dar matrimonjali tal-partijiet konsistenti f'appartament ġewwa l-Mosta għandu valur fis-suq ta' €295,000.

Ikkonsidrat;

Ir-rikors in eżami sar fit-termini ta' l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 li jagħti l-fakultà lil kull min jinħareġ kontra tiegħu mandat kawtelatorju, jitlob lill-Qorti l-ħruġ ta' l-opportun kontro-mandat f'ċerti ċirkostanzi determinati.

Is-sekwestrata qed titlob ir-revoka tal-mandat primarjament għal żewġ ragunijiet:

(i) ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 peress li ssostni illi l-ammont ma hux prima facie ġustifikat; u

(ii) illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ma hux ragonevoli li jinzamm fis-sehh ai termini tal-Art. 836 (1) (f) tal-Kap. 12.

Fi proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet għaliex l-istħarriġ li hija obbligata tagħmel huwa wieħed strettament marbut ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 836 tal-Kap. 12; filwaqt li l-mertu jiġi mistħarreġ u determinat fil-kawża proprja dwar il-mertu.

Kif ġie ritenut fil-provvediment finali mogħti fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs. Anthony Govè et** : "mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan

l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."

Il-Qorti hija gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-prinċipju ulterjuri li kull persuna għandha jedd li tħares l-interessi tagħha sakemm id-dritt sostantiv tagħha jiġi determinat definittivament.

Il-proċedura ta' revoka ta' mandat dedotta taħt l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala xi forma ta' appell mid-digriet li permezz tiegħu ntlaqgħa l-mandat. L-Artikolu 836 jipprovdi istanzi li s-sekwestrat jista' jibbaża l-azzjoni tiegħu sabiex jitneħħa l-mandat, fost dawn wieħed isib bdil ta' ċirkostanzi kif ukoll l-għoti ta' garanzija adegwata in sostituzzjoni tal-mandat.

Il-leġislatur ried jaċċerta ruħu għalhekk illi jekk il-ġudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa' fis-seħħ, dan ikun jista' jitneħħa permezz ta' kontro-mandat.

Min-naħa l-oħra jekk s-sekwestrat ikun irid jikkontesta il-ħruġ tal-mandat kawtelatorju għal xi raġuni li ma taqax taħt dak li jipprovdi l-Artikolu 836 allura huwa għandu jistitwixxi azzjoni b'rikors ġuramentat u li mis-sentenza in segwietu għal dak ir-rikors jista' jsir appell.

**Artikolu 836 (1) (d)**.

Is-sekwestrata tikkontendi illi l-ammont ma hux prima facie ġustifikat u konsegwentement il-mandat għandu jiġi revokat.

Fl-ewwel lok tajjeb jiġi ribadit illi il-proċedura odjerna hija waħda sommarja intiża unikament sabiex mhux sabiex il-Qorti tiddeċiedi min għandu raġun fil-mertu; iżda biss sabiex fejn teżisti xi waħda miċ-ċirkostanzi imsemmija fl-artikolu 836 il-Qorti tkun tista' tirrevoka l-mandat kawtelatorju mingħajr il-ħtiega li tiġi intavolata kawża.

Meta l-liġi tadopera l-frażi "jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;" ma jfissirx li l-Qorti adita minn rikors taħt l-Artikou 836 jeħtigilha tgħarbel il-mertu tal-kwisjtoni ta' bejn il-partijiet.

Sabiex mad-daqqa t'għajn ammont mitlub jidher mill-ewwel mhux ġustifikat iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali illi juru prattikament abbuż mill-proċedura ġudizzjarja.

Tissottometti s-sekwestrata illi (i) mhux minnu li hija għandha dawk il-flejjes pretiżi mis-sekwestrant; (ii) illi l-flejjes f'idejn is-sekwestrata ġew għandha għaliex is-sekwestrant qatt ma kellu kont bankarju f'Malta; (iii) illi s-sekwestrant ma ppreżenta ebda prova li tiġġustifika l-ammont indikat fis-sekwestru kawtelatorju.

Minn eżami ta' dawn l-aggravji huwa mill-ewwel evidenti illi dawn jiġu mistħarrġa f'kawża u mhux fi process sommarju bħal dak odjern. Jekk l-ammont hux esaġerat jispetta lill-Qorti adita mill-kawża fil-mertu li tiddeċiedi dwaru.

Għalhekk il-Qorti tqis illi t-talba msejsa fuq l-Artikolu 836 (1) (d) ma hiex ġustifikata u qed tiġi respinta.

**Artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12**

Dan is-sub inċiż jipprovdi illi mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat bil-proċedura taħt l-artikolu 836 jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li dak l-att jew parti minnu mhumiex aktar meħtieġa jew ġustifikabbli.

F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti hija ġustifikata.

Kif irriżulta aktar qabel is-sekwestru de quo huwa għall-ammont ta' €470,000.

Depożitati taħt l-awtorita' tal-Qorti b'effett tal-istess mandat ta' sekwestru hemm is-somma komplessiva ta' €420,593.04.

Id-differenza ta' circa €50,000 qed tagħmel tajjeb għaliha sehem is-sekwestrata mid-dar matrimonjali illi skond ċertifikat rilaxxjat mill-Perit Albert Cauchi fil-21 ta' Ottubru 2021 id-dar matrimonjali għandha valur fis-suq ta' €295,000. Ammont li jikkawtela adegwatament id-differenza bejn l-ammont pretiż u l-ammont depożitat taħt l-awtorita' tal-Qorti.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors tat-28 ta' Settembru 2021 billi,

1) Tilqa' l-ewwel talba safejn imsejsa fuq Artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tiċħdu fil-kumplament.

2) Tordna l-ħruġ tal-opportun kontro mandat.

3) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba in kwantu tressqet b'mod sussidjarju fl-eventwalita' li l-ewwel talba tiġi miċħuda.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat

**Mgħoti kameralment illum 26 ta' Ottubru 2021**

**Onor. Robert G. Mangion**

**Imħallef**

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**